**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-22 ta' Ġunju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunalul Bucureşti – ir-Rumanija) – SC Mitliv Exim SRL vs Agenția Națională de Administrare Fiscală, Direcția Generală de Administrare a Marilor Contribuabili**

**(Kawża C-81/20)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 53(2) u Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Drittijiet fundamentali – Prinċipju ne bis in idem – Kumulu ta' sanzjonijiet kriminali u amministrattivi – Inapplikabbiltà – Obbligi fiskali anċillari – Interessi fuq somma mħallsa mill-persuna taxxabbli fil-kuntest ta' proċedura kriminali)***

(2021/C 382/05)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunalul Bucureşti

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* SC Mitliv Exim SRL

*Konvenuti:* Agenția Națională de Administrare Fiscală, Direcția Generală de Administrare a Marilor Contribuabili

**Dispożittiv**

L-Artikoli 2 u 63 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta tranżazzjonijiet taxxabbli seħħew u t-taxxa fuq il-valur miżjud relatata hija dovuta, ħlas, anki provviżorju, intiż sabiex jonora d-dejn fiskali korrispondenti ma jistax jitqies bħala mhux dovut u ma jistax inissel interessi favur il-persuna taxxabbli li wettqet il-ħlas.

[1] ĠU C 279, 24.8.2020.

---

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-22 ta' Ġunju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-High Court of Justice Queen's Bench Division (Administrative Court) – ir-Renju Unit) – Eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra VA**

**(Kawża C-206/20)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest Ewropew – Deċiżjoni-Qafas 2002/584/ĠAI – Artikolu 8(1)(c) – Mandat ta' arrest Ewropew maħruġ mill-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku ta' Stat Membru għall-finijiet ta' proċeduri kriminali abbażi ta' miżura li ċċaħħad il-libertà maħruġa mill-istess awtorità – Assenza ta' stħarriġ ġudizzjarju qabel il-konsenja tal-persuna mfittxija – Konsegwenzi – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 47)***

(2021/C 382/06)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

High Court of Justice Queen's Bench Division (Administrative Court)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* VA

*fil-preżenza ta':* Prosecutor of the regional prosecutor's office in Ruse, Bulgaria